# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 337/2017**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Victor Degabriele**

Illum l-ewwel (1) ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Victor Degabriele**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 191384(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u liema atti ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u ċioè:

1. fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Novembru 2010, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti, annimali u senter tal-kaċċa minn ġo razzett bl-isem ta' San Lawrenz Farmhouse li jinsab ġewwa Triq San Dwardu, il-Birgu liema serq huwa aggravat bil-valur

li jeċċedi l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u erbgħin ċenteżmu (€2329.40), bil-vjolenza, bil-mezz u bil-ħin għad-dannu ta' Carmel u Charlon Chetcuti;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u ċioè għamel ħsara fil-bibien u oġġetti oħra tal-imsemmi razzett, liema ħsarat huma ta' aktar minn mija u sittax-il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) (ħamsin lira Maltin) għad-dannu ta' Carmel u Charlon Chetcuti;

3. fil-lejl ta bejn l-24 u l-25 ta' Novembru 2010, ikkommetta serq ta' diversi għodda u affarijiet oħra minn ġo tliet *containers* li jinsabu ġewwa l-kumpless tal-*water treatment* li jinsab fi Triq San Leonardu, ix-Xgħajra ta' Ħaż-Żabbar liema serq huwa aggravat bil-valur li jeċċedi l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u erbgħin ċenteżmu (€2329.40), bil-vjolenza, bil-mezz u bil-ħin għad-dannu ta' Kevin Claude Mallia, Maurice Mary Farrugia u Alfonso Giancarlo u/jew persuni oħra;

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u ċioè għamel ħsara fil-bibien u oġġetti oħra tal-imsemmija *containers*, liema ħsarat huma ta' anqas minn mija u sittax-il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) (ħamsin lira Maltin) għad-dannu ta' Kevin Claude Mallia, Maurice Mary Farrugia u Alfonso Giancarlo u/jew persuni oħra;

5. bejn l-24 ta' Novembru 2020 u t-22 ta' Diċembru 2010 ġewwa dawn il-Gżejjer, xjentement xtara jew laqa' għandu oġġetti misruqa li l-valur tagħhom jeċċedi l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u erbgħin ċenteżmu (€2329.40) (elf lira Maltin) meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod ieħor li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

6. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr. Edwina Grima LL.D. datata 19 ta' Mejju 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel u dan bi ksur ta' Artikoli 28A u 28G tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr. Miriam Hayman LL.D. datata 14 ta' Ġunju 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel u dan bi ksur ta' Artikoli 28A u 28G tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-provedimenti ta' Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr. Antonio Vella LL.D. datata 7 ta' Diċembru 2006, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Lulju 2017 fejn il-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni u, filwaqt li lliberatu mill-imputazzjonijiet l-oħra, wara li rat Artikoli 17(h), 18, 31, 261(a)(b)(c)(f), 262(b), 263, 267, 276, 277(b) u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kkundannatu disa' (9) xhur priġunerija.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fid-19 ta' Lulju 2017 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tirriforma s-sentenza appellata kif ġej: (a)* ***tikkonfermaha*** *fil-parti fejn huwa ġie dikjarat mhux ħati u minnha illiberatu, (b)* ***tħassarha u tirrevokaha*** *fil-parti fejn sabitu ħati ċioè l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni u tiddikjarah mhux ħati u konsegwentement tilliberah kompletament skont il-liġi;* ***Alternattivament****, **u mingħajr preġudizzju**, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, jogħġobha tħassarha fil-parti tal-piena billi minflok tiġi imposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tat-18 ta' April 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi jibda billi jingħad li l-appellant Victor Degabriele kien oriġinarjament tressaq quddiem l-Ewwel Qorti flimkien ma' Raymond Gatt u Nigel Muscat u li kemm Gatt u kif ukoll Muscat ammettew l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tagħhom quddiem il-Qorti msemmija u l-istess Qorti tat is-sentenzi tagħha (*a fol.* 277 *et seq.* u *a fol.* 279 *et seq.*) fil-konfront tagħhom.

Illi qabel ma' tagħmel riferenza għal dak li jilmenta l-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu, din il-Qorti tinnota li jkun utili li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta mill-atti proċesswali u li wassal sabiex l-appellant jiġi mixli l-Qorti bl-imputazzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Mir-rapport tal-Pulizija (*a fol.* 29 *et seq.*) jirriżulta li ċertu Carmelo Chetcuti rrapporta sgass fi tliet kanċelli fl-24 ta' Novembru 2010 f'razzett ġewwa l-Birgu. Fl-istess rapport hemm imniżżel li kienu nsterqu tipi ta' għodod differenti li l-ammont tagħhom jitla' għal elfejn u disgħin Euro (€2090) u li nsterqu wkoll tjur (fosthom pappagalli) li l-valur tagħhom kien dak ta' elf, erba' mija u ħamsin Euro (€1450). Jingħad li nsterqet ukoll arma tan-nar Browning li tiswa ħames mitt Euro (€500.)

- Xehed **Raymond Gatt** (*a fol.* 72 *et seq.*) li kien ammetta għaż-żewġ serqiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni. Dawn kienu seħħew bejn it-23 u l-24 ta' Novembru 2010 (mill-Birgu) u l-24 u l-25 ta' Novembru 2010 (mix-Xgħajra). Huwa qal li ma kienx waħdu f'dawn iż-żewġ serqiet imma kien ma' Victor Degabriele u Nigel Muscat. Jgħid li l-idea li jsir dan is-serq kienet ta' Victor Degabriele li kien ilu jafu xi sentejn u jispjega li kienu aċċedew għall-fond li kien misruq billi niżlu ma' ħajt u mbagħad kissru l-katnazz u daħlu. Jgħid li l-ħin kien bejn l-10:00pm u l-11.00pm u hu ma kienx jaf bir-razzett u li għamlu xi siegħa biex wettqu s-serqa. Dwar is-serqa tax-Xgħajra li saret il-lejl ta' wara huma kienu x-Xgħajra u jispjega li kienu raw tliet *containers* u serqu kwantita' ta' għodda minn ġo fihom b'dan illi l-għodda kienet mogħtija lura. Jgħid li mir-razzett kienu serqu senter, papagall u xi għodda. Ir-*res furtiva* tal-ewwel serqa baqgħet għandu. Huwa kien żamm ir-*res furtiva* f'garaxx li kien propjeta' tal-imgħallem iżda hu kellu ċ-ċwievet fil-kors tax-xogħol tiegħu. Kien hemm tmien papagalli u ħaduhom kollha.

- **PS 192 Ramon Godano** (*a fol.* 97 *et seq.*) xehed li hu kien għamel il-lista tal-affarijiet li nsterqu mill-*container* tax-Xgħajra.

- Ġie eżebiet il-Process Verbal (*a fol.* 103 *et seq.*) redatt mill-Maġistrat Dr. Edwina Grima.

- **PS 1210 James Gauci** (*a fol.* 161) ikkonferma li hu kien idderieġa l-okkorrenza u li kien mar fuq il-post. Kien osserva katnazz maqtugħ u l-ieħor magħluq iżda maqlugħ minn postu.

- **PC 1496 Godwin Farrugia** (*a fol.* 173) li qal li hu u PS 1210 James Gauci kienu marru r-razzett ġewwa l-Birgu u li s-sid kien indikalhom x'kien insteraq.

- **Charlon Chetcuti** (*a fol.* 175 *et seq.*) xehed li kienu naqsuh disa' pappagalli li jiswew mija u għoxrin Euro (€120) kull wieħed, għodod ta' valur cirka elfejn Euro (€2000) u senter b'valur ta' ħames mitt Euro (€500). Jgħid li madwar tliet ġimgħat wara l-iSpettur irritornalu sitt pappagalli u xi ħaġa mill-għodda b'dan illi s-senter kien għadu miżmum mill-Pulizija.

- **Carmel Chetcuti** (*a fol.* 177) ikkonferma li kien hemm sgass fuq tliet bibien. Jgħid li nsterqu xi annimali u xi għodod.

- **PS 964 Robert Scicluna** (*a fol.* 193) xehed li kien nominat bħala *Scene Of The Crime Officer* biex jeleva impronti diġitali imma r-riżultat kien wieħed negattiv.

- **Charles German** (*a fol.* 197 *et seq.*) xehed li kien xtara s-senter u qal li Raymond Gatt kien qallu li ġabuh mill-Italja. Huwa kien xtara s-senter erba' mitt Euro (€400) u biegħu erba' mija u ħamsin Euro (€450).

- **PS 198 Arthur Debattista** u **PS 404 Paul Camilleri** (*a fol.* 205 *et seq.*) xehdu li kienu nominati bħala esperti in konnessjoni mas-serqa mill-*containers* fix-Xgħajra. Jgħid li dan kien *police work*. Filwaqt li wieħed minnhom ħa r-ritratti, l-ieħor għamel eżami għall-*fingerprints* liema eżami rriżulta fin-negattiv.

- **Kevin Claude Mallia** (*a fol.* 237 *et seq.*) xehed li kien għamel ir-rapport dwar is-serq mill-*container* mix-Xgħajra. Jgħid li sabuh sgassat u b'diversi għodda misruqa. Jixhed li minn naħa tal-baħar kien hemm aċċess faċli għal ġol-għelieqi u qal li l-valur tal-affarijiet li nsterqu kien aktar minn elf lira Maltin (Lm1000). Jgħid li l-ħsara kienet tammonta għal forsi mija u ħamsin Euro (€150). Jgħid ukoll li wara kien ingħata lura kaxxa bl-għodda, xi *welding sets,* u xi oġġett ieħor. Jgħid li mhux l-oġġetti kollha kienu ritornati.

- **Maurice Mary Farrugia** (*a fol.* 246 *et seq.*) xehed li kellu *container* ix-Xgħajra u qal li kien sabu bil-katnazz imqaċċat u li kienu nsterqu xi *driller*, *grinders*, u *cordlesses* u dawn kienu jaqbżu l-valur ta' elf lira Maltin (Lm1000). Jixhed li l-Pulizija ma kienu sabu xejn mill-għodda tiegħu.

- **John Sultana** (*a fol.* 251 *et seq.*) xehed li kien xtara s-senter mingħajr liċenzja u li kienu ttieħdu passi kontrih. Huwa qal li kien xtrah minn għand Charles German għal erba' mitt Euro (€400).

- **WPC 123 Janet Cicala** (*a fol.* 263 *et seq.*) ikkonfermat li Victor Degabriele ma kienx liċenzjat biex ikollu arma.

- Fis-seduta tat-8 ta' April 2014 id-difiża ppreżentat sentenza (*a fol.* 268 *et seq.*) mogħtija fl-10 ta' Lulju 2013 fil-konfront ta' Victor Degabriele.

- L-Uffiċjal tal-*Probation* Mary Rose Farrugia (*a fol.* 282 *et seq.*) xehdet li kienet ilha ssegwi lill-appellant u tgħid li hu kien għamel programm sħiħ ta' riabilitazzjoni u li kien baqa' *clean*

sal-aħħar test li kien ftit qabel ma xehdet u rrakkomandat li ma jingħatax sentenza effettiva ta' priġunerija.

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant iressaq erba' aggravji. L-ewwel tliet aggravji huma dwar apprezzament tal-fatti u għalhekk il-Qorti ser tikkunsidrahom flimkien. Dawn it-tliet aggravji huma s-segwenti:

- L-ewwel aggravju hu li l-Prosekuzzjoni ma ġabitx il-provi tal-elementi rikjesti mil-liġi għar-reati addebitati lill-appellant.

- Fit-tieni aggravju l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti tat piż kbir lix-xiehda ta' Raymond Gatt. Jisħaq li dan kien ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u xehed f'dawn il-proċeduri u li x-xiehda ta' kompliċi jeħtieġ li tittieħed b'kawtela qabel il-Qorti tista' tistrieħ fuqha. Huwa jirreferi għal dak li jiddisponi Artikolu 639(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid li x-xiehda ta' Raymond Gatt hija vaga u li fiha jgħid biss li kien hu (l-appellant) li ppjana s-serqa. Jgħid li l-istess xiehda ma kinitx ikkorroborata minn ebda evidenza oħra u li fuq il-postijiet fejn allegatament hu (l-appellant) seraq ma nstabet ebda evidenza li tindika li hu kien jinsab f'dawk il-postijiet. Isemmi wkoll li l-Prosekuzzjoni ma sejjħitx lil Nigel Muscat bħala xhud u li huwa wkoll kien ammetta r-reati u li x-xiehda tiegħu kienet valida ħafna.

- It-tielet aggravju huwa li l-Ewwel Qorti ddikjarat li l-prova li s-serq indikat mill-Prosekuzzjoni seħħ tassew tinsab *a fol.* 175 u *a fol.* 237 tal-proċess. Jgħid li *a fol.* 175 hemm ix-xiehda ta' Charlon Chetcuti li kkonferma li seħħet serqa ġewwa St.

Lawrence House fi Triq San Dward, Birgu u li *a fol.* 237 hemm ix-xiehda ta' Kevin Claude Mallia li kkonferma li seħħet serqa ta' xi għodda li kienet tinsab f'*container* ġewwa l-impjant tas-*sewage treatment* ix-Xgħajra. Jgħid li dawn iż-żewġ xhieda ddikjaraw li qatt ma rawh (lill-appellant) u lanqas biss jafuh u li b'hekk dak li qalu dawn iż-żewġ xhieda qatt ma seta' jwassal għall-ħtija fih.

Illi qabel il-Qorti tipproċedi ulterjorment ikun opportun li jiġi nnutat li huwa ben magħruf li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi fis-sentenza appellata (*a fol.* 293 *et seq.*) jingħad hekk:

> "Fil-konfront tal-imputazzjoni li takkuża lill-imputat bi ksur ta' żewġ sentenzi sospiżi tad-19 ta' Mejju 2008 (*folio* 91) u l-14 ta' Ġunju 2007 (*folio* 96)) joħroġ ċar li l-akkuża kienet talvolta treġġi biss rigward is-sentenza ta' Ġunju

> 2007 li fiha l-imputat instab ħati u kkundannat sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin iżda tosserva l-Qorti li din ġja' ttieħdet in konsiderazzjoni minn dina l-Qorti (diversament preseduta) f'sentenza tal-10 ta' Lulju 2013. Lanqas mhi applikabbli s-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2006 (*folio* 87).
>
> Fil-konfront taż-żewġ serqiet, imsemmija aktar 'il fuq f'dan il-ġudikat, li l-prova tagħhom tinsab pruvata (*folio* 175 u 237), u x-xhieda tal-kompliċi, ġja ko-akkużat, fil-persuna ta' Raymond Gatt (*folio* 72) hija skjetta u ċara u ammissibbli in virtu tal-Artikolu 639(3) tal-Kap. 9.
>
> Mill-kumplament, ir-reċidiva hija akkuża in alternattiva għal dik tas-serq u għar-rigward il-ħsara volontarja japplika l-Artikolu 17(h) bħala mezz għal fini."

Illi dwar l-<u>ewwel aggravju</u> din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni magħmula li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx l-elementi tal-ħsara jew tas-serq. Anzi l-Prosekuzzjoni ppruvat dan kollu kemm bix-xiehda ta' Raymond Gatt kif ukoll b'dettalji akkurati kemm tal-oġġetti misruqa fiż-żewġ serqiet kif ukoll tal-ħsara li saret. B'hekk l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

Illi dwar it-<u>tieni aggravju</u> din il-Qorti qrat ix-xiehda mogħtija minn Raymond Gatt diversi drabi sabiex tara għandux jitwemmen jew le u tinnota li hu mill-ewwel qal li fiż-żewġ serqiet kien ma' tnejn oħra u semma lill-appellant bħala wieħed minnhom. Huwa ma kellux dubju dwar l-identita' tiegħu għax kien ilu jafu sentejn. Huwa jgħid li t-tlieta flimkien aċċedew ġewwa l-fond li kien misruq u meta jitkellem dwar it-tieni serqa hu jerġa' jitkellem fil-plural tant li jgħid li raw tliet *containers*, sgassaw il-katnazz tat-tliet *contaniers* u daħlu fihom u serqu xi għodda minn ġewwa. Jgħid x'insteraq u għand min baqgħet ir-*res furtiva* – jgħid li din kienet għandu. *Res furtiva* oħra kienet f'garaxx.

Illi Artikolu 639(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jsir riferenza għalih fit-tieni aggravju tal-appellant, jgħid hekk:

> "Meta l-uniku xhud kontra l-akkużat dwar xi reat fi proċess li jinstema' quddiem il-ġurati tkun persuna kompliċi, il-Qorti għandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xiehda li dak ix-xhud jagħti b'kawtela qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat."

Illi dan is-sub-Artikolu bl-ebda mod ma jgħid li għaliex xhud kien kompliċi, allura dan għandu jitwarrab. Is-sub-Artikolu sempliċement jipprovdi li lill-ġurati għandu jingħad li tali xiehda għandha tittieħed b'kawtela. Għandu jingħad li xiehda ta' kompliċi tista' tkun vitali u ma tistax tkun iddikjarata leġislattivament bħala inammissibbli. Apparti l-fatt li l-Ewwel Qorti rat lil Raymond Gatt jixhed quddiemha, din il-Qorti kellha t-traskrizzjoni tad-depożizzjoni mogħtija minnu u minn qari tagħha fiha ma sabitx inkonsistenzi u fiha x-xhud jistqarr li r-*res furtiva* kienet għandu. Lanqas ma treġi s-sottomissjoni li għax fuq il-post ma nstabux *fingerprints* tal-appellant, allura l-Qorti ma kellhiex provi biżżejjed biex issibu ħati. Il-preżenza ta' *fingerprints* f'post fejn twettqet xi serqa mhux *sine qua non*. Il-provi li jorbtu persuna ma' reat jistgħu jsiru b'diversi modi u x-xiehda ta' kompliċi hija waħda minnhom. Tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura f'dak li ġie deċiż mill-Ewwel Qorti meta stabbiliet is-serqiet bħala ppruvati abbażi tax-xiehda ta' Raymond Gatt. Għalhekk it-tieni aggravju tal-appellant qed ikun miċħud ukoll.

Illi dwar it-<u>tielet aggravju</u> għandu jingħad li l-fatt li l-Ewwel Qorti rriferiet għal *folio* 175 u 237 tal-proċess ifisser li l-Qorti msemmija kienet qed tirreferi għall-isgassi li saru kif ukoll għall-ammont f'valur ta' flus ta' kull serqa. Il-fatt li ż-żewġ xhieda ma kienux raw jew ma kinux jafu lill-appellant ma jfissirx li s-serqa ma seħħitx. Għalhekk it-tielet aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi r-<u>raba' aggravju</u> tal-appellant huwa li għadda ż-żmien minn meta twettqu r-reati. Jgħid li hu għamel programm biex jegħleb il-vizzju tad-droga u li ilu *clean* minn Ġunju 2011. Jisħaq li qiegħed jaħdem regolari u jrabbi lil bintu u li fix-xiehda tal-Uffiċjal tal-*Probation* Mary Rose Farrugia hija ma rrakkomandatx sentenza effettiva ta' habs fil-konfront tiegħu u jsostni li dawn il-fatti kollha jinċiedu fuq il-piena u li għalhekk għandu jkun hemm temperament fil-piena.

Illi dwar dan l-aggravju in eżami għandu jingħad li din il-Qorti diversament preseduta reġgħet semgħet lill-Uffiċjal tal-*Probation* Mary Rose Farrugia tixhed dwar il-progress li għamel l-appellant. Apparti minn dan, jirriżulta mill-fedina penali tal-appellant li ħafna mir-reati twettqu sal-2010. Il-Qorti qieset sew dak li xehdet l-Uffiċjal tal-*Probation* Mary Rose Farrugia u ħadet konjizzjoni tas-*Social Inquiry Report* (*a fol.* 380 *et seq.*) redatt minnha u qieset ukoll li fil-passat l-appellant ingħata ċansijiet kemm ta' *Probation* kif ukoll ta' sentenzi sospiżi kif ukoll ta' sentenza sospiża li ġiet imġedda u li fl-aħħarnett hemm it-trapass ta' diversi snin. Tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti ser tilqa' r-raba' aggravju tal-appellant u ser tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Victor Degabriele u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni u fejn illiberatu mill-bqija;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat disa' xhur priġunerija u minflok *ai termini* ta' Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet tal-Malta tpoġġi lill-appellant taħt Ordni ta' Servizz fil-Komunita' bil-kondizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal mitejn (200) siegħa

f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra msemmija fid-digriet anness ma' din is-sentenza;

- tikkonferma l-bqija tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

*A tenur* ta' Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-appellant bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor, huwa jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza.

Finalment, *ai termini* ta' Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' *Probation* u lill-Uffiċjal tal-*Probation* assenjat lill-appellant.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**